

Brussell, 7 ta' Ottubru 2014
(OR. en)

14009/14

**Fajl Interistituzzjonali:
2014/0286 (NLE)**

**CLIMA 90
ENV 814
ENER 424
TRANS 465
ENT 218
IA 7**

PROPOSTA

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmit mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	7 ta' Ottubru 2014
lil:	Is-Sur Uwe CORSEPIUS, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2014) 617 final
Suġġett:	Proposta għal DIRETTIVA TAL-KUNSILL li tistabbilixxi l-metodi ta' kalkolu u r-rekwiżiti ta' rappurtar skont id-Direttiva 98/70/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kwalità tal-karburanti tal-petrol u tad-diżil

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu meħmuż id-dokument COM(2014) 617 final.

Mehmuż: COM(2014) 617 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 6.10.2014
COM(2014) 617 final

2014/0286 (NLE)

Proposta għal

DIRETTIVA TAL-KUNSILL

**li tistabbilixxi l-metodi ta' kalkolu u r-rekwiżiti ta' rappurtar skont id-
Direttiva 98/70/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kwalità tal-karburanti
tal-petrol u tad-diżil**

{SWD(2014) 295 final}

{SWD(2014) 296 final}

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. IL-KUNTEST TAL-PROPOSTA

Il-Pakkett dwar il-Klima u L-Enerġija adottat mill-Kunsill u mill-Parlament fit-22 ta' April 2009 fittex li jikseb tnaqqis ta' 20 % fl-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra sal-2020. Dan kien jinkludi reviżjoni tad-Direttiva 98/70/KE¹ dwar il-kwalità tal-karburant tal-petrol u tad-diżil.

Id-Direttiva riveduta tobligha lill-fornituri² biex inaqqsu b'6 % l-intensità tal-gassijiet b'effett ta' serra tul iċ-ċiklu tal-ħajja tal-fjuwil u ta' enerġija oħra (elettrika) pprovduti għall-użu f'vetturi tat-triq u ta' fjuwil għall-użu f'makkinarju mobbli mhux tat-triq sal-aħħar tal-perjodu ta' konformità fl-2020. Il-mira għandha tiffaċilita wkoll li jintlaħqu l-miri tal-Istati Membri mhux koperti bl-ETS. L-artikolu li jistabbilixxi dan l-element il-ġdid huwa l-Artikolu 7a tad-Direttiva li effettivament jistabbilixxi "Standard għal Fjuwil b'Livell Baxx ta' Karbonju" fil-leġislazzjoni tal-Unjoni. Barra minn hekk, id-Direttiva tobligha lill-fornituri biex mill-2011 jirrapportaw informazzjoni dwar, *inter alia*, l-intensità gassijiet b'effett ta' serra tal-karburant (fjuwil) li fornaw lill-awtoritajiet innominati mill-Istati Membri.

It-tnaqqis ta' 6 % x'aktarx li jinkiseb permezz tal-użu tal-bijofjuwils, tal-elettriku u tat-tnaqqis fl-ivvampar u l-kombustjoni tal-gassijiet fl-istadju tal-estrazzjoni ta' materja prima tal-fjuwils fossili.

L-Artikolu 7a(5) jesiġi li l-Kummissjoni tintroduċi kwalunkwe miżura neċessarja għall-implimentazzjoni tal-Artikolu 7a biex tiġi adottata permezz tal-proċedura regolatorja bi skrutinju. Konsegwentement, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta miżuri ta' implimentazzjoni li jikkonċernaw il-mekkaniżmu li jissorvelja u jnaqqas l-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra. B'mod partikolari, il-Kummissjoni għet mitluba tikkunsidra proposti għal:

- Metodu għall-kalkolu tal-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra tal-fjuwils tal-enerġija oħra minn sorsi mhux bijoloġiċi (elementi li jittrattaw il-kalkolu tal-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra għall-bijofjuwils huma diġà inklużi fl-Anness IV tad-Direttiva);
- Metodu biex tiġi kkalkulata l-linja bażi tal-intensità gassijiet b'effett ta' serra tal-fjuwils fossili li għandu jintuża bħala referenza għall-kejl tal-konformità mal-mira;
- Kalkolu u verifika tal-intensità tal-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra tal-enerġija elettrika użati f'vetturi elettriċi;
- Kwalunkwe regola meħtieġa biex tagħti effett għar-rekwiżit li żewġ fornituri jew aktar minn Stat Membru wieħed jew aktar huma permessi jirrapportaw l-intensità tal-gassijiet b'effett ta' serra tagħhom b'mod konġunt;
- Kull miżura oħra meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-Artikolu 7a.

¹ Id-Direttiva 2009/30/KE, ĠU L 140, 5.6.2009, p. 88

² L-entità responsabbli għall-passaġġ tal-fjuwil jew tal-elettriku permezz tal-punt tad-dazju tas-sisa pereżempju r-raffinatur taż-żejt

Dan l-abbozz ta' Direttiva jindirizza l-ħames elementi kollha msemmija hawn fuq.

L-Artikolu 7a(1) tad-Direttiva 98/70/KE jiddefinixxi l-obbligi tar-rappurtar tal-fornitur. Dawn huma ssupplimentati b'definizzjonijiet armonizzati tad-dejta rrapportata u r-rekwiżiti ta' rappurtar li jindirizzaw ir-rapportar lill-Kummissjoni minn Stat Membru dwar ir-rendiment tal-gassijiet b'effett ta' serra minn fjuwils ikkunsmati fl-Unjoni. B'mod partikolari, dawn ir-rekwiżiti tar-rappurtar se jippermettu l-aġġornament tal-“komparatur tal-karburanti fossili” deskritt fl-Anness IV, Parti C, il-Punt 19 tad-Direttiva 98/70/KE u l-Anness V, Parti C, il-Punt 19 tad-Direttiva 2009/28/KE, se jiffaċilita r-rappurtar meħtieġ skont l-Artikolu 8(3) u l-Artikolu 9(2) tad-Direttiva 98/70/KE.

2. IR-RIŻULTATI TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET INTERESSATI U L-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

F'Lulju 2009 tnediet konsultazzjoni pubblika³ li ffokat fuq il-kwistjonijiet li jridu jiġu indirizzati fl-abbozz tad-Direttiva. F'Jannar 2010 saret laqgħa tal-partijiet kkonċernati li kienet tinkludi l-industrija tal-fossili u tal-bijofjuwils, l-Istati Membri u l-NGOs. F'Marzu 2010 is-Servizzi tal-Kummissjoni ddiskutew dokument ta' kunċett mal-Istati Membri bil-ħsieb li jiġi żviluppat l-abbozz tad-Direttiva. Barra minn hekk, biex tifformula din il-proposta, l-Kummissjoni bbażat fuq din il-ħidma:

- Il-ħidma tal-JEC u l-istudju tiegħu “well to wheels”⁴;
- L-istudju ta' Brandt dwar il-bitum naturali⁵,
- L-istudju ta' Brandt dwar skist bituminuż⁶,
- L-istudju tal-ICCT dwar żjut grezz oħrajn⁷.

Il-ħidma ta' Dr Brandt kienet soġġetta għal proċess ta' reviżjoni minn pari esterni li l-konklużjonijiet tagħhom ġew diskussi mal-partijiet ikkonċernati waqt laqgħa pubblika fis-27 ta' Mejju 2011⁸. Il-ħidma tal-ICCT kienet soġġetta għal proċess ta' reviżjoni minn pari esterni li l-konklużjonijiet tagħhom ġew diskussi mal-partijiet ikkonċernati waqt laqgħa pubblika fl-20 ta' Frar 2014⁹.

Fl-2013, wara diskussjonijiet mhux konklużivi mal-Kumitat għall-Kwalità tal-Karburanti għall-abbozz tad-Direttiva¹⁰ li tarmonizza l-metodu għall-kalkolu tal-emissjonijiet tal-gassijiet

³ <https://circabc.europa.eu/faces/jsp/extension/wai/navigation/container.jsp> kemm għal mistoqsijiet kif ukoll għat-tweġibiet

⁴ Il-konsorzju tal-JEC huwa magħmul mill-JRC, il-EUCAR u il-CONCAWE. Għalhekk il-Kummissjoni, l-industrija Ewropea tal-karozzi u l-industrija taż-żejt qed jieħdu sehem f'din il-ħidma. http://iet.jrc.ec.europa.eu/about-jec/sites/about-jec/files/documents/report_2013/wtt_report_v4_july_2013_final.pdf

⁵ <https://circabc.europa.eu/w/browse/9e51b066-9394-4821-a1e2-ff611ab22a2d>

⁶ <https://circabc.europa.eu/w/browse/9ab55170-dc88-4deb-b2d6-e7e7ba59d8c3>

⁷ [International Council on Clean Transportation \(ICCT\)](https://circabc.europa.eu/w/browse/49f63fd8-7e27-4cf7-8790-3410ee8d308e)

⁸ <https://circabc.europa.eu/w/browse/49f63fd8-7e27-4cf7-8790-3410ee8d308e>

⁹ <https://circabc.europa.eu/w/browse/9e51b066-9394-4821-a1e2-ff611ab22a2d>

¹⁰ <https://circabc.europa.eu/w/browse/75e69e4c-ded2-418c-a6e6-ee3fa3a93c6c>

<http://ec.europa.eu/transparency/regcomitology/index.cfm?do=search.dossierdetail&i4E3IvzV Ee6K7czhtRYFvHaI4f3TEUr8zQzZMBeU3winIDvf1TNPofuY6ToXhDSw>

b'effett ta' serra minn fuwils ta' oriġini mhux bijoloġiċi u mill-elettriku f'vetturi tat-triq, il-Kummissjoni ħejjiet valutazzjoni tal-impatt sabiex tevalwa l-għażliet ta' implimentazzjoni kollha proposti. L-approċċ li jirfed din il-valutazzjoni ġie ppreżentat matul żewġ workshops għall-partijiet ikkonċernati li saru fl-20 ta' Diċembru 2012 u fil-15 ta' April 2013¹¹.

B'mod parallel, il-Kummissjoni ppruvat tivverifika jekk l-industrija teħtieġx l-iżvilupp ta' regoli għal fornituri li jistgħu jilhqgħu l-mira tat-tnaqqis tagħhom b'mod konġunt. Minkejja diversi talbiet f'dan ir-rigward, l-industrija ma tatx tweġiba. Għaldaqstant, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-ebda regola speċifika hija attwalment neċessarja, għajr għal definizzjonijiet armonizzati u mekkaniżmu ta' rappurtar.

3. L-ELEMENTI LEGALI TAL-PROPOSTA

Il-karatteristiċi ewlenin tal-abbozz tad-Direttiva rigward il-metodu għall-kalkolu tal-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra ta' fjuwils u ta' enerġija oħra minn sorsi mhux bijoloġiċi huma:

- L-użu ta' valur awtomatiku medju wieħed li jirrappreżenta l-intensità tal-gassijiet b'effett ta' serra ta' unità għal kull tip ta' fjuwil;
- Ir-rappurtar armonizzat annwali mill-Fornituri lill-Istati Membri u mill-Istati Membri lill-Kummissjoni meħtieġa għall-monitoraġġ tat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gass serra fl-Unjoni u għall-aġġornament tal-metodi ta' kalkolu għall-progress tekniku u xjentifiku;

L-oriġini tal-metodu ta' kalkolu magħżul u r-rekwiżiti ta' rappurtar

Il-hidmal li tirfed il-valutazzjoni tal-impatt iffukat fuq l-analiżi tal-preċiżjoni tal-metodi evalwati għall-kalkolu tal-gassijiet b'effett ta' serra u l-ispiża relatata tal-konformità u tal-piż amministrattiv li l-fornituri u l-Istati Membri jkollhom iġarrbu talli jikkonformaw mal-Artikolu 7a tad-Direttiva 98/70/KE.

Ir-rappurtar impreċiż jimmina l-kisba tal-mira tal-intensità tal-gassijiet b'effett ta' serra tad-Direttiva dwar il-Kwalità tal-Karburanti u taffettwa b'mod inġust il-mod kif l-isforzi jinqassmu bejn il-fornituri tal-fjuwil. Il-preċiżjoni tal-metodu ta' kalkolu tiddependi fuq il-metodu magħżul u l-preċiżjoni tad-dejta ta' bażi. Metodi bbażati fuq livelli oġhla ta' differenzjazzjoni tal-materja prima jagħtu riżultati iktar preċiżi. Il-preċiżjoni tad-dejta rrapportata hij marbuta mill-qrib ukoll ma' informazzjoni dwar l-emissjonijiet mill-estrazzjoni u l-ipproċessar tal-materja prima ("emissjonijiet upstream"). Id-dejta¹² li tiffirma l-baży tal-valuri inklużi fl-abbozz tal-miżura diskussa mal-Kumitat għall-Kwalità tal-Karburanti hija mibnija fuq ir-rappurtar volontarju tal-Assoċjazzjoni tal-Produtturi taż-Żejt u tal-Gass, u tirrifletti inqas minn nofs iż-żejt grezz li jiġi rraffinat fl-Unjoni u ma tipprovdi informazzjoni dwar il-prodotti importati. L-aħħar studji u d-dejta dwar il-materja prima użata għall-produzzjoni ta' bejn 60 %¹³ u 90 %⁷ tal-fjuwils fossili kkunsmati fl-Unjoni jissuġġerixxu li l-emissjonijiet medji tul iċ-ċiklu tal-ħajja bejn wieħed u ieħor huma 5 % oġhla mid-dejta ppreżentata lill-Kumitat għall-Kwalità tal-Karburanti fil-proposta tal-2011. Dan huwa fil-

¹¹ <https://circabc.europa.eu/w/browse/6893ba02-aaed-40a7-bf0d-f5affc85a619>

¹² http://iet.jrc.ec.europa.eu/about-jec/sites/about-jec/files/documents/report_2013/wtt_report_v4_july_2013_final.pdf

¹³ http://www.nrcan.gc.ca/sites/www.nrcan.gc.ca/files/energy/pdf/EU_FQD_Study_Final_Report.pdf

biċċa l-kbira attribwit għal emissjonijiet tal-karbonju tal-fjuwils fossili li huma ogħla b'mod sinifikanti u li jvarjaw ħafna. Jeżistu differenzi sinifikanti fl-intensità tal-gassijiet b'effett ta' serra iktar 'il fuq fil-katina tas-settur għall-materja prima konvenzjonali u l-produzzjoni ta' sorsi mhux konvenzjonali ta' żejt ta' spiss turi intensitajiet ogħla ta' gassijiet serra. Għalhekk, il-preċiżjoni tal-emissjonijiet irrappurtati se jiġiebu permezz ta' rappurtar ta' dejta armonizzata.

Il-preċiżjoni tal-metodu ta' kalkolu huwa kkorrelat b'mod qawwi mal-proporzjon tal-materja prima ta' intensità għolja użata fil-produzzjoni tal-fjuwil. Huwa għalhekk neċessarju li jiġi armonizzat ir-rappurtar relatat mal-orijini¹⁴ u l-post tax-xiri¹⁵ tal-fjuwil. Madankollu, dan ir-rappurtar għandu, jkun koerenti mal-leġislazzjoni eżistenti tal-Unjoni dwar ir-reġistrazzjoni tal-importazzjonijiet u l-kunsinni taż-żejt grezz fl-UE¹⁶.

Skont l-analiżi li tinfed din il-proposta l-ispiża addizzjonali totali għal kull litru ta' fjuwil għal kull metodi ta' kalkolu kkunsidrat tvarja minn 0.03 ċenteżmi Euro sa 0.04 ċenteżmi Euro. L-akbar żieda kienet osservata fejn il-fornituri kienu obbligati jirrappurtaw valuri ta' gassijiet b'effett ta' serra bbażati fuq l-emissjonijiet speċifiċi għal kull fornitur jew l-emissjonijiet medji tal-Unjoni għal kull materja prima użata, minflok medja tal-Unjoni għal kull tip ta' fjuwil għal kull materja prima. Dan jissuġġerixxi li l-aħjar għażla ma għandhiex tirrikjedi li l-fornituri jirrappurtaw valuri tal-gassijiet b'effett ta' serra speċifiċi għal kull materja prima. Għalhekk, il-metodoloġija proposta tesiġi li l-fornituri jirrappurtaw medja tal-Unjoni għall-intensità tal-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra għal kull tip ta' fjuwil.

L-Artikolu 7a(4) tad-Direttiva 98/70/KE jipprevedi li grupp ta' fornituri jistgħu jagħżlu li jissodisfaw l-obbligu tat-tnaqqis ta' 6 % b'mod konġunt u li l-Artikolu 7a(5)(c) tad-Direttiva 98/70/KE jippermetti l-istabbiliment ta' "kwalunkwe regola meħtieġa" sabiex dan jidħol fis-seħħ. Għalhekk, jeħtieġ li jiġu armonizzati d-definizzjonijiet tal-l-identifikazzjoni tal-fornitur, il-volum ta' fjuwil jew enerġija, it-tip ta' fjuwil jew enerġija, il-post tax-xiri u l-orijini tal-fjuwil jew tal-enerġija mqiegħda fis-suq biex jiġi ffaċilitat l-użu ta' skema ta' rappurtar komuni għall-fornituri minn ħafna Stati Membri li flimkien jaqblu li jirrappurtaw b'mod konġunt. Barra minn hekk, biex jiġi vverifikat li l-għadd doppju huwa evitat fir-rappurtar transfruntiera tal-fornituri konġunti, huwa xieraq li jiġi armonizzat ir-rappurtar tal-Istati Membri lill-Kummissjoni sabiex din l-informazzjoni meħtieġa li tikkonċerna kull fornitur li jagħmel parti minn grupp ta' żewġ fornituri jew aktar minn Stati Membru wieħed jew aktar jista' jkun disponibbli għal dawk l-awtoritajiet kollha tal-Istati Membri li huma affetwati.

Huwa xieraq li l-Istati Membri jippermettu lill-fornituri jirrappurtaw billi jużaw id-dejta li qed tinġabar skont il-leġislazzjoni l-oħra tal-Unjoni jew nazzjonali sabiex jitnaqqas il-piż

¹⁴ Definit bħala l-isem kummerċjali tal-materja prima. Informazzjoni dwar iż-żejt grezz preżentement hija rrappurtata kull tliet xhur skont ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2964/95 u ppreżentata lill-Kummissjoni b'konformità ma' miżuri stretti ta' kunfidenzjalità bl-eċċezzjoni tal-isem kummerċjali. Ir-rappurtar ta' denominazzjoni mhux speċifika (non-descript) huwa meħtieġ. L-isem kummerċjali huwa deskrizzjoni iktar preċiża li hija wkoll aktar rikonoxxuta u eħfef biex issir rabta mal-emissjonijiet ta' gass serra. Għalhekk, lista ta' ismijiet kummerċjali għal żjut grezz użati l-aktar se tkun speċifikata fil-miżura ta' implimentazzjoni.

¹⁵ Definit bħala l-pajjiż u l-isem tal-faċilità tal-ipproċessar. L-Istati Membri diġà kisbu din l-informazzjoni permezz tal-leġislazzjoni tad-dazju doganali. B'mod partikolari, l-Artikolu 37 tar-Regolament (KE) Nru 450/2008 jippermetti li t-talba ta' kwalunkwe informazzjoni meħtieġa li tikkonċerna l-pajjiż tal-orijini ta' prodott. L-orijini hija ddefinita bħala l-post fejn il-prodott għadda mill-aħħar trasformazzjoni sostanzjali tiegħu. Definizjonijiet speċifiċi għal bidliet li jikkonċernaw il-fjuwils huma identifikati fl-Anness 14 u 15 tar-Regolament tal-Kummissjoni 2454/93.

¹⁶ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2964/95 li jintroduċi r-reġistrazzjoni għall-importazzjonijiet żejt mhux raffinat u l-kunsinni tiegħu fil-Komunità; ĠU L 310, 22.12.1995, p. 5.

amministrattiv sakemm ir-rappurtar isir skont ir-rekwiżiti stipulati fl-Anness IV. Tali leġislazzjoni tal-Unjoni tinkludi r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 684/2009 tal-24 ta' Lulju 2009 li jimplementa d-Direttiva tal-Kunsill 2008/118/KE fir-rigward tal-proċeduri kompjuterizzati għall-moviment ta' prodotti tas-sisa taħt sospensjoni tad-dazju tas-sisa¹⁷, ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93 tat-2 ta' Lulju 1993 li jiffissa d-dispożizzjonijiet għall-implementazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 li jwaqqaf il-Kodiċi Doganali tal-Komunità¹⁸, ir-Regolament (KEE) Nru 1099/2008 dwar l-istatistika dwar l-enerġija¹⁹, id-Direttiva 2009/28/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli u li temenda u sussegwentement tħassar id-Direttivi 2001/77/KE u 2003/30/KE²⁰ u l-atti ta' implimentazzjoni sussegwenti tagħhom, kif ukoll id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/589/KE tat-18 ta' Lulju 2007 li tistabbilixxi linji ta' gwida dwar il-monitoraġġ u r-rapportaġġ tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra skont id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²¹ kif ukoll ir-Regolament tal-Kunsill Nru 2964/95 li jintroduċi r-reġistrazzjoni għall-importazzjonijiet żejt mhux raffinat u l-kunsinni tiegħu fil-Komunità.

Impatti finanzjarji

Il-kompetittività tal-industrija tal-Unjoni ġiet diskussa wkoll fil-valutazzjoni tal-impatt. Jidher li ma hu mistenni l-ebda impatt sinifikanti fuq in-negozji (inklużi r-raffineriji). Dan jirriżulta mill-fatt li ż-żidiet fil-prezz tal-fjuwil meta jinbiegħ fil-pompa tal-fjuwil huma negliġibbli u dawn l-ispejjeż kollha skont il-valutazzjoni tal-impatt, prattikament huma mistennija li jiġu approvati.

¹⁷ ĠU L 197, 29.7.2009, p. 24.

¹⁸ ĠU L 253, 11.10.1993, p. 1.

¹⁹ ĠU L 304, 14.11.2008, p. 1.

²⁰ ĠU L 140, 5.6.2009, p. 16.

²¹ ĠU L 229, 31.8.2007, p. 1.

Proposta għal

DIRETTIVA TAL-KUNSILL

li tistabbilixxi l-metodi ta' kalkolu u r-rekwiżiti ta' rappurtar skont id-Direttiva 98/70/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kwalità tal-karburanti tal-petrol u tad-diżil

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra d-Direttiva 98/70/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 1998 dwar il-kwalità tal-karburanti tal-petrol u tad-diżil u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 93/12/KEE²², u b'mod partikolari l-Artikolu 7a(5) tagħha,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-metodu tal-kalkolu tal-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra ta' fjuwils u ta' enerġija oħra minn sorsi mhux bijoloġiċi, li għandu jiġi stabbilit skont l-Artikolu 7a(5) tad-Direttiva 98/70/KE għandu jagħti rappurtar ta' preċiżjoni suffiċjenti sabiex il-Kummissjoni tkun tista' tevalwa b'mod kritiku l-prestazzjoni ta' fornituri tal-fjuwil biex jilhqqu l-obbligi tagħhom skont l-Artikolu 7a(2) tad-Direttiva 98/70/KE. Il-metodu ta' kalkolu għandu jiżgura preċiżjoni tal-kejl filwaqt li jikkunsidra l-kumplessità tar-rekwiżiti amministrattivi assoċjati. Fl-istess ħin, għandu jinċentiva lill-fornituri biex inaqqsu l-intensità tal-gassijiet b'effett ta' serra tal-fjuwil li huma jfornu. Għandha tingħata wkoll attenzjoni partikolari għall-impatt tal-metodoloġija fuq ir-raffineriji fl-Unjoni. Il-metodu ta' kalkolu għandu jkun ibbażat fuq intensitajiet medji tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra li jirrappreżentaw valur medju tal-industrija li huwa tipiku għal sors partikolari ta' fjuwil ("valuri awtomatiċi medji"). Dan għandu l-vantaġġ li jnaqqas il-piż amministrattiv fuq il-fornituri u fuq l-Istati Membri. F'dan il-waqt, il-metodoloġija proposta ma għandhiex teħtieġ id-differenzjazzjoni tal-intensità tal-gassijiet b'effett ta' serra tal-fjuwil abbażi tas-sors tal-materja prima għaliex dan ikun jaffettwa l-investimenti attwali f'ċerti raffineriji fl-Unjoni.
- (2) Ir-rekwiżiti ta' rappurtar għall-fornituri tal-fjuwil li huma intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs), kif definiti fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/61, għandhom jiġu minimizzati kemm jista' jkun fil-kuntest tal-Artikolu 7a(1) tad-Direttiva 98/70/KE. Bl-istess mod, l-importaturi ta' petrol u diżil irraffinat barra l-UE ma għandhomx ikunu obbligati li jipprovdu informazzjoni dettaljata dwar is-sorsi ta' żjut grezz użati biex jagħmlu dawk il-fjuwils għaliex din l-informazzjoni tista' ma tkunx disponibbli jew diffiċli biex tinkiseb.

²² ĠU L 350, 28.12.1998, p.58.

- (3) Sabiex jingħataw inċentivi għal aktar tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra, l-iffrankar miksub mit-tnaqqis ta' emissjonijiet upstream, inkluż dak minn ivvampjar u ivventjar, għandu jkun inkluż fil-kalkolu tal-emissjonijiet tal-fornituri tal-gassijiet serra tul iċ-ċiklu tal-ħajja. Sabiex il-fornituri tal-fjuwil ikunu jistgħu jiksbu l-iffrankar tal-emissjonijiet upstream, għandhom jitħallew jużaw skemi varji ta' emissjonijiet għall-kalkolu u ċ-ċertifikazzjoni tat-tnaqqis tal-emissjonijiet. Għandhom ikunu eliġibbli biss dawk il-proġetti li jnaqqsu l-emissjonijiet upstream u li jibdwew wara d-data tal-istabbiliment tal-linja ta' bażi stabbilita fl-Artikolu 7a(5)(b), jiġifieri l-1 ta' Jannar 2011.
- (4) Il-valuri awtomatiċi medji ppeżati għall-gassijiet serra jipprovdu metodu sempliċi li bih il-fornituri tal-fjuwil jistgħu jiddeterminaw il-kontenut tal-gass serra tal-fjuwil li huma jfornu. Valuri bħal dawn li jirrappreżentaw iż-żejt grezz tqil tal-UE jinsabu, *inter alia*, fir-rapport "Well to Wheel" (Verżjoni 4) imħejji mill-Konsorzju JEC, l-istudji kkummissjonati mill-Kummissjoni Ewropea minn Dr. A. Brandt dwar il-bitum naturali u l-iskist bituminuż kif ukoll fil-ħidma li saret dwar l-emissjonijiet upstream għall-Kummissjoni Ewropea mill-International Council on Clean Transportation fil-kuntest tal-"oil production greenhouse gas emissions estimator" b'rabta maż-żjut grezz ikkunsmati fl-UE.
- (5) It-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra assoċjati mal-emissjonijiet upstream taż-żejt u tal-gass għandu jiġi stmat u vvalidat skont il-prinċipji u l-istandards identifikati fl-Istandards Internazzjonali u b'mod partikolari ISO 14064, ISO 14065, u ISO 14066.
- (6) L-Artikolu 7a(5)(b) tad-Direttiva 98/70/KE tesiġi l-istabbiliment ta' metodoloġija biex tiġi ddeterminata l-intensità aggregata tal-gass serra tal-karburanti (fjuwils) ta' orġini mhux bijoloġiċi użati fl-Unjoni fl-2010 ("l-istandard tal-linja ta' bażi għall-karburanti"). L-istandard tal-linja ta' bażi għandu jkun ibbażat fuq volumi ta' diżil, petrol, gasoil mhux tat-triq, gass tal-pitrolju likwifikat u gass naturali kkompressat bl-użu ta' dejta irrappurtata uffiċjalment lill-Konvenzjoni ta' Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima fl-2010. L-istandard tal-linja ta' bażi tal-fjuwil ma għandux ikun il-"komparatur tal-karburanti fossili" li jintuża biex jiġi kkalkulat l-iffrankar tal-gassijiet b'effett ta' serra minn bijofjuwils, li għandu jibqa' kif stabbilit fl-Anness IV tad-Direttiva 98/70/KE.
- (7) Minħabba li l-kompożizzjoni tat-taħlita tal-fjuwils fossili rilevanti f'tit tinbidel minn sena għal oħra, il-varjazzjoni aggregata tal-intensità tal-gass serra tal-fjuwils fossili minn sena għal oħra tkun żgħira wkoll. Ikun, għalhekk, xieraq li l-istandard tal-linja ta' bażi tal-fjuwil ikun ibbażat fuq id-dejta tal-konsum medju tal-Unjoni għall-2010 kif irrappurtat mill-Istati Membri lill-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima.
- (8) L-istandard tal-linja ta' bażi tal-fjuwil tal-2010 għandu jirrappreżenta l-intensità medja upstream ta' gass b'effett ta' serra u l-intensità medja tal-gass b'effett ta' serra tar-raffineriji kumplessi għall-fjuwils fossili. Għalhekk għandu jiġi kkalkulat permezz ta' referenza għall-fjuwil rispettiv valuri awtomatiċi. Il-valur ta' emissjoni tal-istandard tal-linja ta' bażi tal-fjuwil għandu jibqa' l-istess għall-perjodu sal-2020 sabiex tiġi pprovdata ċ-ċertezza regolatorja biex il-fornituri tal-fjuwil fir-rigward tal-obbligi tagħhom biex inaqqsu l-intensità tal-gassijiet b'effett ta' serra tal-fjuwils li huma jfornu.

- (9) L-Artikolu 7a(5)(d) tad-Direttiva 98/70/KE jistipula wkoll l-adozzjoni ta' metodoloġija biex jiġi kkalkulat il-kontribut tal-vetturi tat-triq li jaħdmu bl-elettriku. Skont dak l-Artikolu l-metodoloġija għandha tkun kompatibbli mal-Artikolu 3(4) tad-Direttiva 2009/28/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²³. Biex din il-kompatibbiltà tkun żgurata, l-istess fattur ta' aġġustament għandu jkun użat għall-effiċjenza tal-magna.
- (10) L-enerġija elettrika fornuta għall-użu fit-trasport bit-triq tista' tiġi rrapportata mill-fornituri kif stabbiliti fl-Artikolu 7a(1) tad-Direttiva 98/70/KE bħala parti mir-rapporti annwali tagħhom lill-Istati Membri. Biex l-ispejjeż amministrattivi jkunu limitati, ikun xieraq li għall-fini ta' rappurtar minn fornitur, din id-Direttiva tistabbilixxi metodoloġija bbażata fuq stima milli fuq il-kejl reali tal-konsum tal-elettriku f'vettura tat-triq jew mutur li jaħdem bl-elettriku.
- (11) Huwa xieraq li tinkludi strateġija dettaljata għall-istima tal-kwantità u l-intensità tal-gass b'effett ta' serra tal-bijofjuwils f'każijiet fejn l-ipproċessar ta' bijofjuwil u ta' fjuwil fossili jseħħ matul l-istess proċess. Għal dan jenħtieġ metodu speċifiku għaliex il-volum tal-bijofjuwil li jirriżulta ma jistax jitkejjel bħal ma jitkejjel b'fjuwil fossili waqt trattament "co-hydro" taż-żjut veġetali. L-Artikolu 7d(1) tad-Direttiva 98/70/KE jistipula li għall-finijiet tal-Artikolu 7a u tal-Artikolu 7b(2) ta' dik id-Direttiva, l-emissjonijiet ta' gass b'effett serra tul iċ-ċiklu tal-ħajja, għandhom jiġu kkalkulati skont l-istess metodoloġija. Għalhekk iċ-ċertifikazzjoni tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra permezz ta' Skemi Volontarji rikonnoxxuti hija valida għall-finijiet tal-Artikolu 7a kif inhi għall-fini tal-Artikolu 7b(2) tad-Direttiva 98/70/KE.
- (12) Ir-rappurtar meħtieġ mill-fornitur stabbilit fl-Artikolu 7a(1) tad-Direttiva 98/70/KE għandu jiġu supplimentat b'format armonizzat u b'definizzjonijiet tad-dejta li għandha tiġi rrapportata. L-armonizzazzjoni tad-definizzjonijiet tad-dejta hija meħtieġa għall-kalkolu korrett tal-intensità tal-gass b'effett ta' serra marbut mal-obbligi ta' rappurtar tal-fornitur individwali billi l-formola tar-rappurtar tal-elementi ewlenin tad-dejta tissupplixxi l-metodu armonizzat skont l-Artikolu 7a(5)(a) tad-Direttiva 98/70/KE. Dinn id-dejta tinkludi l-identifikazzjoni tal-fornitur, il-volum tal-fjuwil jew tal-enerġija mqiegħed fis-suq u t-tip tal-fjuwil jew tal-enerġija imqiegħed fis-suq.
- (13) Il-rappurtar meħtieġ tal-fornitur deskritt fl-Artikolu 7a(1) tad-Direttiva 98/70/KE għandu jiġi ssupplimentat b'rekwiżiti ta' rappurtar armonizzati, b'format ta' rappurtar u b'definizzjonijiet għall-Istat Membru li jirrapporta lill-Kummissjoni dwar ir-rendiment ta' gassijiet serra minn fjuwils ikkunsmati fl-Unjoni. B'mod partikolari, dawn ir-rekwiżiti tar-rappurtar se jippermetti l-aġġornament tal-"komparatur tal-karburanti fossili" deskritt fil-punt 19 tal-Parti C tal-Anness IV tad-Direttiva 98/70/KE u fil-punt 19 tal-Parti C tal-Anness V, Parti C, tad-Direttiva 2009/28/KE, se jiffaċilita r-rappurtar meħtieġ skont l-Artikolu 8(3) u l-Artikolu 9(2) tad-Direttiva 98/70/KE u se jiffaċilitaw l-aġġornament tal-metodu ta' kalkolu mal-progress tekniku u xjentifiku sabiex ikun żgurat li l-għan maħsub tiegħu jintlaħaq. Din id-dejta tinkludu l-volum tal-fjuwil jew tal-enerġija mqiegħda fis-suq u t-tip ta' fjuwil jew tal-enerġija, il-post tax-xiri u l-orijini tal-fjuwil jew tal-enerġija imqiegħda fis-suq.

²³ Id-Direttiva 2009/28/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli u li temenda u sussegwentement tħassar id-Direttivi 2001/77/KE u 2003/30/KE (ĠU L 140, 5.6.2009, p. 16).

- (14) Huwa xieraq li l-Istati Membri jippermettu lill-fornituri jissodisfaw ir-rekwiżiti tar-rappurtar billi jużaw id-dejta ekwivalenti li qed tinġabar skont il-leġiżlazzjoni l-oħra tal-Unjoni jew nazzjonali sabiex jitnaqqas il-piż amministrattiv sakemm dan ir-rappurtar isir skont ir-rekwiżiti stipulati fl-Anness IV u skont id-definizzjonijiet stabbiliti fl-Annessi I u III.
- (15) Sabiex jiġi ffaċilitat ir-rappurtar minn gruppi ta' fornituri skont l-Artikolu 7a(4) tad-Direttiva 98/70/KE, l-Artikolu 7a(5)(c) ta' din id-Direttiva jippermetti l-istabbiliment ta' kwalunkwe regola meħtieġa. Ikun jaqbel li dan ir-rappurtar jiġi ffaċilitat sabiex jiġi evitat it-tfixkil tal-movimenti fiżiċi tal-fjuwil billi fornituri differenti jqiegħdu fis-suq fjuwils differenti ta' proporzjonijiet differenti u għalhekk jista' jkollhom bżonn jużaw livelli differenti ta' riżorsi biex jilħqu l-mira ta' tnaqqis ta' gassijiet b'effett ta' serra. Din id-dejta tinkludu l-volum tal-fjuwil jew tal-enerġija mqiegħda fis-suq, it-tip ta' fjuwil jew tal-enerġija, il-post tax-xiri u l-oriġini tal-fjuwil jew tal-enerġija imqiegħda fis-suq. Barra minn hekk, biex jiġi vverifikat li jiġi evitat l-għadd doppju fir-rappurtar transfruntiera tal-fornituri konġunti, huwa xieraq li jiġi armonizzat ir-rappurtar tal-Istati Membri lill-Kummissjoni sabiex din l-informazzjoni meħtieġa li tikkonċerna kull fornitur li jifforma grupp ta' żewġ fornituri jew aktar minn Stati Membru wieħed jew aktar jista' jkun disponibbli għal dawk l-awtoritajiet tal-Istati Membri kollha konċernati.
- (16) Skont l-Artikolu 8(3) tad-Direttiva 98/70/KE l-Istati Membri għandhom jissottomettu rapport annwali tad-dejta nazzjonali tal-kwalità tal-karburanti (fjuwil) għas-sena preċedenti skont il-format stabbilit fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/159/KE tat-18 ta' Frar 2002²⁴. Biex ikunu koperti l-emendi introdotti għad-Direttiva 98/70/KE bid-Direttiva 2009/30/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²⁵ u r-rekwiżiti addizzjonali sussegwenti ta' rappurtar dwar l-Istati Membri, jeħtieġ, fl-interess tal-effikaċja u l-armonizzazzjoni li tiġi ċċarata liema informazzjoni, li taqa' taħt l-obbligu ta' rappurtar dwar id-dejta tal-kwalità tal-karburanti fl-Artikolu 8 tad-Direttiva 98/70/KE, għandha tiġi rrappurtata, u wkoll li jiġi adattat il-format għas-sottomissjoni tad-dejta minn fornituri u Stati Membri.
- (17) Il-Kummissjoni ppreżentat abbozz ta' miżura lill-Kumitat stabbilit bid-Direttiva 98/70/KE fit-23 ta' Frar 2012. Il-Kumitat ma setax jadotta opinjoni bil-maġġoranza kwalifikata meħtieġa u għalhekk jixraq li l-Kummissjoni tippreżenta proposta lill-Kunsill skont l-Artikolu 5a(4) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/512/KE.

²⁴ Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/159/KE tat-18 ta' Frar 2002 dwar il-format komuni għall-preżentazzjoni tas-sommarji ta' data nazzjonali tal-kwalità tal-karburanti (ĠU L 53, tat-23.2.2002, p. 30).

²⁵ Id-Direttiva 2009/30/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-23 ta' April 2009, li temenda d-Direttiva 98/70/KE rigward l-ispeċifikazzjoni tal-petrol, tad-diżil u tal-gasoil u li tintroduċi mekkaniżmu għall-monitoraġġ u għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 1999/32/KE rigward l-ispeċifikazzjoni tal-karburant użat mill-bastimenti tal-passaġġi tal-ilma interni u li tħassar id-Direttiva 93/12/KEE (ĠU L 140,5.6.2009, p.88).

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

Kamp ta' applikazzjoni

Din id-Direttiva tapplika għall-fjuwils użati fil-propulsoni tal-vetturi tat-triq, u tal-makkinarju mobbli mhux tat-triq (inklużi l-bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni meta ma jkunux fil-baħar), tat-tratturi agrikoli u tal-forestrija, u tad-dgħajjes li jintużaw għar-rikreazzjoni meta ma jkunux fil-baħar u tapplika għall-elettriku użat fil-vetturi tat-triq.

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, u b'żieda mad-definizzjonijiet li diġà jinsabu fid-Direttiva 98/70/KE, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- (1) "l-emissjonijiet upstream" tfisser l-emissjonijiet kollha tal-gassijiet b'effett ta' serra li jseħħu qabel ma tidħol il-materja prima fir-raffineriji jew fl-impjant tal-ipproċessar fejn il-fjuwil, kif imsemmi fl-Anness I, kien prodott;
- (2) "Materja prima tal-bitum naturali" tfisser kwalunkwe sors ta' materja prima tar-raffineriji li:
 - għandu Gravità tal-American Petroleum Institute ta' 10 gradi jew anqas meta jinsab f'formazzjoni ta' reservoir fil-post tal-estrazzjoni kif definit skont metodu ta' ttestjar D287 tal-American Society for Testing and Materials (ASTM)²⁶;
 - għandu viskożità medja annwali f'temperatura ta' reservoir akbar minn dik ikkalkulata mill-ekwazzjoni: Viskożità (Centipoise) = 518.98e-0.038T; fejn T hija t-temperatura fi grad Celsius;
 - li jaqa' fid-definizzjoni għal ramel taż-żift tal-kodiċi tan-nomenklatura maqgħuda NM 2714 kif deskritt fir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87²⁷; u
 - fejn il-mobilizzazzjoni tas-sors tal-materja prima tinkiseb bl-estrazzjoni tal-minjieri jew bl-iskular bil-gravità msaħħaħ b'mod termali fejn l-enerġija termali toriġina prinċipalment minn sorsi minbarra s-sors stess tal-materja prima;
- (3) "sors ta' materja prima ta' skist bituminuż" tfisser kwalunkwe sors ta' materja prima ta' raffinerija kif ikun jinsab f'formazzjoni ta' blat li jkun fih keroġenu

²⁶ American Society for Testing and Materials, <http://www.astm.org/index.shtml>

²⁷ Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana (ĠU L 256, 07.09.1987, p. 1).

solidu u li jkun skont id-definizzjoni għal skist bituminuż tan-NM 2714 deskritt fir-Regolament (KEE) Nru 2658/87²⁷. Il-mobilizzazzjoni tas-sors ta' materja prima tinkiseb bl-estrazzjoni tal-minjieri jew bl-iskular bil-gravità msaħħaħ b' mod termali.

- (4) “żejt grezz konvenzjonali” tfisser kwalunkwe materja prima minn raffinerija li juri Gravità tal-American Petroleum Institute li tkun ogħla minn 10 gradi meta tkun tinsab f'formazzjoni ta' reservoir fil-post tal-oriġini tagħha kif imkejla skont il-metodu ta' ttestjar D287 tal-ASTM, u li ma tkunx skont id-definizzjoni tal-NM 2714 kif deskritt fir-Regolament (KEE) Nru 2658/87²⁷.

Artikolu 3

Metodoloġija għall-kalkolu tal-intensità tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra ta' fjuwils u enerġija pprovduti minbarra l-bijofjuwils u r-rappurtar mill-fornituri tal-fjuwils

1. Għall-finijiet tal-Artikoli 7a (2), l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-fornituri tal-fjuwils jużaw il-metodoloġija stabbilita fl-Anness I biex jiddeterminaw l-intensità tal-gass serra tal-fjuwils li huma jfornu.
2. Għall-finijiet tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 7a(1) u l-Artikolu 7a(2) tad-Direttiva 98/70/KE, l-Istati Membri għandhom jeżiġu li l-fornituri jirrapportaw id-dejta billi jużaw id-definizzjonijiet u l-metodoloġija tal-kalkolu stipulati fl-Anness I ta' din id-Direttiva. Id-dejta għandha tiġi rrapportata kull sena billi jintuża l-mudell stabbilit fl-Anness IV ta' din id-Direttiva.
3. L-Istati Membri għandhom japplikaw il-metodoloġija simplifikata stabbilita fl-Anness I ta' din id-Direttiva għall-fornituri tal-fjuwils li huma intrapriżi żgħar u ta' daqs medju.

Artikolu 4

Il-kalkolu tal-istandard tal-linja ta' bażi tal-fjuwil u t-tnaqqis fl-intensità tal-gassijiet b'effett ta' serra

Għall-finijiet tal-verika tal-konformità tal-fornituri tal-fjuwils mal-obbligi tagħhom skont l-Artikolu 7(a)2 tad-Direttiva 98/70/KE, l-Istati Membri għandhom jeżiġu li l-fornituri jqabblu t-tnaqqis miksub minnhom ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra tul-iċ-ċiklu tal-ħajja minn fjuwils u minn enerġija elettrika mal-istandard tal-linja ta' bażi tal-fjuwils stabbilit fl-Anness II ta' din id-Direttiva.

Artikolu 5

Rappurtar mill-Istati Membri

1. Meta jibagħtu rapporti lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 8(3) tad-Direttiva 98/70/KE, l-Istati Membri għandhom jagħtu lill-Kummissjoni id-dejta relatata mal-

konformità mal-Artikolu 7a ta' dik id-Direttiva kif definita fl-Anness IV ta' din id-Direttiva.

2. L-Istati Membri għandhom jużaw l-għodod tar-ReportNet tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent, ipprovduti skont ir-Regolament (KE) Nru 401/2009²⁸, għas-sottomissjoni tad-dejta stipulata fl-Anness III ta' din id-Direttiva. Id-dejta għandha tiġi trażmessa mill-Istat Membru permezz ta' trasferiment elettroniku tad-dejta għar-Repożitorju tad-Dejta Ċentrali ġestit mill-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent billi tintuża l-mudell ippreparat fuq il-bażi tal-Anness IV u pprovdut fih.
3. Id-dejta għandha tkun ipprovduta kull sena billi jintuża l-format preskritt fl-Anness IV. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bid-data tat-trażmissjoni u l-isem ta' kuntatt tal-awtorità kompetenti responsabbli għall-verifika u r-rappurtar tad-dejta lill-Kummissjoni.

Artikolu 6

Pieni

L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar il-penali applikabbli għall-ksur tad-dispożizzjonijiet nazzjonali adottati skont din id-Direttiva u għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li dawn jiġu implimentati. Il-pieni previsti jridu jkunu effettivi, proporzjonati u dissważivi. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw dawk id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni sa mhux aktar tard minn [tnax-il xahar wara l-adozzjoni] u għandhom mingħajr dewmien jagħtu notifika lilha dwar kull emenda sussegwenti li taffettwahom.

Artikolu 7

Traspożizzjoni

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa għall-konformità ma' din id-Direttiva sa mhux aktar tard minn [tnax-il xahar wara l-adozzjoni]. Huma għandhom minnufih jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet.
2. Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, huma għandhom jinkludu referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati minn tali referenza fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Il-metodi ta' kif isiru tali referenzi għandhom jiġu stipulati mill-Istati Membri.
3. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert b'din id-Direttiva.

²⁸ Ir-Regolament (KE) Nru 401/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent u n-Netwerk Ewropew ta' Informazzjoni u Osservazzjoni tal-Ambjent (ĠU L 126, 21.05.2009, p. 13).

Artikolu 8

Dħul fis-seħħ

Din id-Direttiva tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 9

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*